



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' April 2016 – GABO:mi vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-10/16 R)

“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sussidji — Is-sitt u s-Seba’ Programmi Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2002-2006 u 2007-2013) — Ittri li jitolbu ir-rimbors ta’ parti mis-sussidji mogħtija — Nota ta’ debitu — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Ammissibbiltà — Nuqqas ta’ urġenza”

1. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà — Ammissibbiltà prima facie tar-rikors prinċipali — Eżami sommarju tar-rikors prinċipali mill-Imħallef għal miżuri provviżorji — Atti li ma jipproduċux effetti legali vinkolanti — Atti li ma jistgħux ikunu is-suġġett ta’ rikors għal annullament — Atti li ma jistgħux jiġu sepatati mir-relazzjonijiet kuntrattwali li jeżistu bejn il-Kummissjoni u r-rikorrenti — Nota ta’ debitu u ittri ta’ informazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni li jikkostitwixxu sempliċi intimazzjoni u li ma għandhomx natura eżekutorja — Inammissibbiltà (Artikoli 263 TFUE, 272 TFUE u 299 TFUE ; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156) (ara l-punti 14-16, 23-27)*
2. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Dannu gravi u irreparabbli — Dannu diġà mwettaq — Kumpens li ma jidħolx fl-għan tal-proċeduri għal miżuri provviżorji (Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156) (ara l-punti 22, 48)*
3. *Rikors għal annullament — Rikors li fil-verità jirrigwarda tilwima ta’ natura kuntrattwali — Klassifikazzjoni mill-ġdid tar-rikors — Kundizzjonijiet [Artikoli 263 TFUE u 272 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 76(d)] (ara l-punt 28)*
4. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà — Ammissibbiltà prima facie tar-rikors prinċipali — Invokazzjoni tal-bażijiet legali għall-aspett kuntrattwali u għall-aspett mhux kuntrattwali tat-tilwima — Inammissibbiltà tat-talba għal miżuri provviżorji minħabba l-inammissibbiltà prima facie tal-aspett mhux kuntrattwali tar-rikors prinċipali — Ammissibbiltà tal-istess talba minħabba l-ammissibbiltà prima facie tal-aspett kuntrattwali tar-rikors prinċipali (Artikolu 263 TFUE u 272 TFUE) (ara l-punti 29-32)*
5. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà — Rikors — Rekwiżiti proċedurali — Indikazzjoni vaga u impreċiża tas-suġġett tat-talba — Inammissibbiltà [Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikoli 76(e) u 156(4)] (ara l-punt 33)*

6. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Fumus boni juris — Urġenza — Dannu gravi u irreparabbli — Natura kumulattiva — Ibbilanċjar tal-interessi kollha inkwistjoni — Ordni ta' eżami u metodu ta' verifika — Setgħa diskrezzjonali tal-Imħallef għal miżuri provviżorji (Artikoli 256(1) TFUE, 278 TFUE u 279 TFUE ; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156(3)) (ara l-punti 34, 35)*
7. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Urġenza — Dannu gravi u irreparabbli — Oneru tal-prova — Dannu prevedibbli bi grad ta' probabbiltà suffiċjenti (Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE ; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156(3)) (ara l-punt 46)*
8. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Urġenza — Dannu morali li ma jistax jiġi rrimedjat aħjar fi proċeduri għal miżuri provviżorji milli fil-kawża prinċipali — Assenza ta' urġenza (Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156(3)) (ara l-punt 49)*
9. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Urġenza — Dannu gravi u irreparabbli — Oneru tal-prova — Dannu finanzjarju — Sitwazzjoni li tista' tipperikola l-eżistenza tal-kumpannija rikorrenti — Evalwazzjoni fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-grupp ta' appartenenza tal-impriża u tal-azzjonisti tagħha — Inkapaċità ġuridika tal-grupp ta' appartenenza li jagħti appoġġ finanzjarju — Absence de preuve suffisante à cet égard (Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE) (ara l-punti 51, 52, 56, 61, 63-65)*
10. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Fumus boni juris — Urġenza — Oneru tal-prova — Obbligu li jiġu pprovduti indikazzjonijiet konkreti u preċiżi, sostnuti minn provi dokumentarji ddettaljati tat-tressiq tat-talba (Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE ; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156(3)) (ara l-punti 53, 54, 79, 80)*
11. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Fumus boni juris — Eżami prima facie tal-motivi invokati insostenn tar-rikors prinċipali (Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE ; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156(3)) (ara l-punt 68)*
12. *Baġit tal-Unjoni Ewropea — Għajjnuna finanzjarja tal-Unjoni — Obbligu tal-benefiċjarju li josserva l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajjnuna — Finanzjament li jirrigwarda biss l-ispejjeż effettivament minfuqa — Ġustifikazzjoni tar-realtà tal-ispejjeż iddikjarati — Produzzjoni ta' dokumenti kontabbli konformi mal-kundizzjonijiet tekniċi stabbiliti għall-għoti tas-sussidji kkonċernati u li jiġu mistħarrġa fil-kuntest tal-awditjar — Assenza — Spejjeż ineliġibbli (Artikolu 317 TFUE) (ara l-punti 76, 77, 82)*

13. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Rekwiżiti proċedurali — Preżentazzjoni tat-talbiet — Espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati — Assenza ta' spjegazzjoni suffiċjenti tal-motivi li jikkostitwixxu fumus boni juris — Riferiment ġenerali għal dokumenti oħra — Inammissibbiltà (Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE ; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156(3)) (ara l-punt 79)*
14. *Baġit tal-Unjoni Ewropea — Għajnuna finanzjarja tal-Unjoni — Obbligu tal-benefiċjarju li josserva l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna — Kuntratti konklużi fil-kuntest ta' programm speċifiku ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrarazzjoni — Firxa tal-finanzjament mogħti mill-Unjoni favur proġett partikolari — L-ispejjeż operattivi kollha — Esklużjoni (Artikolu 317 TFUE) (ara l-punt 83)*

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni, minn naħa waħda, ta' żewġ ittri tal-Kummissjoni tat-2 ta' Diċembru 2015 li jinformaw lir-rikorrenti li hija tista' tirkupra parti mis-sussidji li kienu ġew mogħtija lilha fil-kuntest tas-Sitt u s-Seba' Programmi Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrarazzjoni (2002-2006 u 2007-2013) u, min-naħa l-oħra, nota ta' debitu tal-Kummissjoni li tordnalha li tħallas is-somma ta' EUR 1770417.29 mhux iktar tard mill-15 ta' Jannar 2016.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) Id-digriet tat-18 ta' Jannar 2016 mogħti fil-Kawża T-10/16 R huwa mħassar.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.